MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1687/2005

**Citadel Insurance p.l.c. (C 21550) kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assikurat taghha John Tabone, sija bil-Ligi u sija bil-polza, u l-istess John Tabone**

**Vs**

**Marie Therese Morris**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta’ Awissu 2005, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta’ erba` mija u tmenin Liri Maltin (Lm480.00), danni allegatament sofferti bhala rizultat ta’ incident stradali li sehh nhar it-8 ta’ Awissu 2003 fi Triq Ghajn Tuffieha, San Pawl il-Bahar bejn il-vetturi EAK – 328 u BBB 773, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Ra illi fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2005, l-Avukat Dottor Simon Micallef Stafrace ghall-konvenuta iddikjara illi l-Avviz kien gie pprezentat fil-25 ta' Awissu 2005 u allura issottometta illi dan it-Tribunal ma jistghax jiehu konjizzjoni tieghu.

Ikkunsidra :

L-Artikolu 1.2 tat-Taqsima A tar-Raba Skeda tal-KAP 387 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar l-Arbitragg) li dahal fis-sehh b'effett mill-1 ta' Awissu 2005 bis-sahha ta' l-Avviz Legali 279/2005;

L-Artikolu 774 tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili) u partikolarment is-subinciz (b);

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi dak sollevat mill-konvenuta fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2005 (inoltre` jigi dikjarat illi ai termini ta' l-Artikolu 774 (Kap 12) dan seta` ukoll tqajjem ex officio mit-Tribunal) jidher giustifikat u t-Tribunal jiddikjara illi mhux kompetenti sabiex jisma` t-talbiet dedotti fl-Avviz odjern u jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-kaz.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------